TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 285/10

**Paul Debono**

**vs**

**Fair Deal Furniture**

Illum 28 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-4 t'Awwissu, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' sitt mija u ħamsin ewro (€650), rappreżentanti prezz ta' *sofa bed* li minkejja li nxtrat *shop soiled*, xorta kienet *damaged*.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa xtara *sofa bed* pero' kellu ftit *damage* peress li kien fix-*showroom*, u wara ftit dan id-*damage* żdied aktar u għalhekk saret difettuża u qed jitlob il-flus lura.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota illi l-intimat debitament notifikat kemm bl-avviż tat-talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ u msejjaħ tliet darbiet, baqa' ma deherx għas-seduta.

It-Tribunal jinnota wkoll illi sal-ħin tas-seduta, l-intimat kien għadu ma bagħatx risposta bil-miktub.

It-Tribunal, wara li sema' lir-rikorrenti, jinnota li l-verżjoni tiegħu hija kredibli u aċċettabli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' sitt mitt ewro (€600), b'dan illi s-*sofa bed* tiġi propjeta' tas-soċjeta' intimata wara li jsir il-ħlas, bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**